MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 14/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**
**- vs -**
**Christopher Theuma bin Charles u Salvina nee Bajada li joqghod Nru 81, St Anthony Street, Xaghra, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 4281 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli fit-8 ta' Novembru 2002 ghall-habta tat-3:10 a.m. waqt li kien isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni JAX 735 ta' ghamla V/W Polo fi Triq Santa Elizabetta, Xewkija, saq l-istess vettura b'velocita` eccessiva u aktar b'imprudenza, b'negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' traffiku habat mal-vettura KAT 253 tat-tip Toyota Corolla u kkagunalha hsara konsiderevoli ghad-dannu ta' Josephine Bonnett minn Ghajnsielem, kif ukoll hsarat f'tabella ta'

'Stop Sign' ghad-dannu tal-Kunsill Lokali, Xewkija, kif ukoll hsarat hfief f'cint tal-fond Nru 19, St. Elizabeth Street, Xewkija, ghad-dannu ta' Carmel Pace ta' l-istess indirizz.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Tabita Kristal ta' disa' snin u dan skond ma ccertifika Dr M Portelli M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65, 328 (c) u  328 (d) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sittin lira Maltin (Lm60).

--------------------------------TMIEM--------------------------------